MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2014

Appell Civili Numru. 26/2012

**Ruth Brincat li dahlet minflok Joseph Farrugia u**

**b'nota tat-18 ta' Ottubru 2012**

**Donald Brincat assuma l-atti tal-appell**

**imhabba li Ruth Brincat hija msiefra, u**

**b'digriet tas-26 ta' Marzu 2014**

**Ruth Brincat assumiet l-atti f'isimha proprju**

**vs**

**L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fl-atti ta' dan l-appell tar-rikorrenti Dr. Hermann Farrugia, Lawrence Zrinzo, Charles Borg tat-22 ta' April 2014 sabiex jithallew jintervjenu f'dawn il-proceduri bhala l-partijiet interessati f'dawn il-proceduri;

Rat ir-risposta ta' Ruth Brincat li opponiet ghal din it-talba ghax ma registrawx bhala parti interessata quddiem l-Awtorita kompetenti u l-iskuzanti ghaliex ma dehrux ma jaghmlux stat quddiem il-Qorti.

**ikunsidrat**

Ir-rikorrenti qed jibbazaw it-talba taghhom fuq l-artikolu 960 ta-Kap. 12 li jghid hekk:

> Kull min juri b'sodisfazzjon tal-qorti li huwa għandu interess f'kawża li tkun miexja bejn partijiet oħra, jista' fuq rikors, jiġi mdaħħal *in statu et terminis*, bħala parti fil-kawża, f'kull waqt tagħha, sew fil-qorti tal-ewwel grad kemm fil-qorti fi grad ta' appell; iżda dan l-intervent fil-kawża ma jwaqqafx il-proċeduri tagħha.

Sentenza li dahlet f'dettall dwar kif il-Qrati taghna interpretaw l-istitut tal-intervenut fil-ligi Maltija hi **Magri et vs Market Intelligence Services Co Ltd** (App Sup, 20/05/2009). Qed jigu riportati s-siltiet tas-sentenzi li l-Qorti rriferit u sitet ghalihom:

> Fis-sentenza ta' l-10 ta' Novembru 1888 tal-Corte Civile Di Sua Maesta, Prim'Aula (Giudice di Sua Maesta` Luigi Ganado LL.D.), fl-ismijiet **Negte. Luigi Paolo Vella Hass versus Vincenzo Camenzuli ed altri**, intqal:
>
> "Le persone interessate in un giudizio, sia che il loro interesse le spinga a sostenere la domanda, sia che convenga loro di opporla, sono ammesse a prendere parte in tale giudizio, ma il loro intervento non ha l'effetto di essere, considerato ne` come attori né come convenuti, a differenza del chiamato in causa, il quale, per disposizione di legge, deve essere considerato come qualunque altro convenuto;
>
> "Che dagli articoli 977, 978 e 979 delle Leggi di Procedura combinati insieme, si desume che l'ammesso nello stato e nei termini di una causa, il quale spontaneamente si presenta a prenderne parte, senza potere sospendere le procedure, non ha il diritto di reclamare, ne e` tenuto a soffrire alcuna parte delle spese del giudizio, sia che egli abbia sostenuto chi dei contendenti, attori o convenuti, ha vinto, sia che abbia sostenuto quello che ha perduto. Perocchè in quelle disposizioni, dopocchè vi fu stabilito che l'interessato in una lite, dietro suo ricorso, potesse essere ammesso nello stato e nei termini, senza indicarne alcun altro diritto nè alcun obbligo, si e` passato a parlare del chiamato in causa, ritenendolo come convenuto, e come se la causa fosse stata sin dal principio

proposta contro di lui, con potere fare scritture, dare qualunque eccezione, ed avere qualunque vantaggio che la legge accorda ad un convenuto, e, per conseguenza, con poter essere, secondo le circostanze, liberato o condannato. Or se all'ammesso nello stato e nei termini si fosser volute dare quei vantaggi od imporre quegli oblighi, in tutto od in parte, quelle disposizioni di legge sarebbero concepite in modo da risultarne quel concetto."

Skond il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati, l-intervenjent "in statu et terminis" mhuwiex proprjament parti fil-kawza fis-sinifikat specifiku li l-espressjoni "parti" tircievi fil-konfronti tad-dispozizzjonijiet tal-Procedura Civili (art.959, 960. 961) li jirregolaw l-istitut ta' l-intervent f'kawza.."

Il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Ellul Sullivan nomine vs Abela nomine** (1971) qalet:

"l-intervenjent ma hux parti jew kontendent, cioe` huwa ma jsirx la attur u l-anqas konvenut. Ghalkemm il-Qorti ghandha tikkonsidra is-sottomissjonijiet tieghu u ghalhekk tiddeciedi l-punti li huwa jissolleva huwa ma jsirx legittimu kontradittur – u dan a differenza tal-kjamat li huwa b'ligi espressa kunsidrat konvenut fil-kawza."

Fis-sentenza tal-10 ta' Jannar 2005 fl-ismijiet **Mario Galea Testaferrata et vs Prim Ministru et**, il-Qorti Kostituzzjonali qalet:

"Issa, fil-ligi taghna l-istitut ta' l-intervent fil-kawza hu regolat bl-Artikolu 960 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. L-interess mehtieg sabiex wiehed jintervjeni skond l-imsemmija disposizzjoni irid ikun interess guridiku, u cioe` interess sostanzjali u dirett fil-kawza u mhux semplicement interess fl-ezitu ta' dik il-kawza bil-hsieb li dak l-ezitu jista' talvolta jkollu implikazzjonijiet, pozittivi jew negattivi, f'kawza jew kawzi ohra futuri (ara, passim, **Fogg Insurance Agencies Limited noe v. Simon Tabone** Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) 28/4/2004; **Angelo Abela v. Joseph Zahra u Napuljun Carabott** Qorti ta' l-Appell (Sede Superjuri) 29/10/02). Fi kliem iehor, l-intervenut fil-kawza jitlob li jintervjeni, u ghandu jigi ammess li hekk jintervjeni, biex jipprotegi l-interessi tieghu f'dik il-kawza partikolari u mhux f'kawza jew kawzi ohra li talvolta jistghu jigu intavolati. Fil-kaz in dizamina hu evidenti li l-interess li qed jippretendu Grima u Bajada ma hux interess dirett fil-kawza bejn Mario Galea Testaferra et min-naha u l-Gvern u l-konjugi Theuma u Grech min-naha l-ohra, izda semplicement interess fl-ezitu in kwantu huma jibzghu li, galadarba jkun hemm ezitu ta' certu tip, dan l-ezitu jista' jkollu riperkussjonijiet fuq drittijiet li huma jivvantaw in konnessjoni ma' proprjeta` li ma ghandha t'taqsam xejn ma dik li hija l-bazi tal-kawza de quo. Tali interess evidentement ma jistax jiggustifika intervent fis-sens tal-Artikolu 960 tal-Kap. 12, ghax altrimenti f'kull kawza li fiha jkollu jigi determinat xi punt legali ta' applikazzjoni piu` o meno generali jkun ifisser li kull min ghandu jew jista' talvolta jkollu kawza li tinvolvi b'xi mod dak il-punt

> ikun jista’ jintervjeni in statu et terminis – din il-Qorti ma tahsibx li ghandha ghalfejn telabora fuq il-konfuzjoni li tinholoq fil-kawza li kieku dan kellu jkun hekk.”

Mehuda in konsiderazzjoni din l-ahhar sentenza b’referenza ghat-tip ta’ interess necessarju li jrid juri parti biex tithalla tintervjeni, jirrizulta lil Qorti illi l-proceduri quddiem din il-Qorti naxxenti minn applikazzjonijiet ta’ zvilupp huma ftit differenti minn dawk fi proceduri gudizjarji normali kontemplati bl-artikolu 960. F’dawn il-proceduri, dak li qed jigi deciz mhux semplicement vertenza bejn zewg partijiet li tista’ tinfluixxi indirettament fuq drittijiet jew obbligi ta’ terzi u ghalhekk il-bzonn li wiehed jintervjeni bla ma jkun direttament koncernat.

Il-proceduri ta’ ppjanar ghandhom perspettiva aktar wiesa, b’dimensjoni aktar socjali, aktar komunitarja billi jirrigwardaw l-interess tas-socjeta, interessi ambjentali u ta’ zvilupp li jolqtu mhux biss l-individwu li japplika izda anki lil komunita b’tali zvilupp, ghalkemm hu doveruz jigi preciezat illi permess jinghata minghajr pregudizzju ghal drittijiet ta’ terzi. Ghalhekk jekk bhal dan il-kaz, partijiet li joqoghdu vicin tal-izvilupp propost ihossu illi l-hrug o meno tal-permess jista’ jinfluixxi fuq il-benessere socjali komunitarju u personali tenut kont tal-ligijiet ta’ ppjanar, ghandhom jithallew jintervjenu f’dawn il-proceduri ta’ appell li l-ligi ta’ ppjanar pero gia tirregola bil-proceduri ad hoc ta’ registered objectors quddiem l-Awtorita u anke bi dirttijiet ta’ appell quddiem it-Tribunal ta’ Appell u drittijiet limitati quddiem din il-Qorti. Il-ligi tal-ippjanar li tirregola l-istitut tat-terz interessat ghandha tigi applikata quddiem din il-Qorti pero fil-limiti ta’ dak li jirregola l-artikolu 960 tal-Kap. 12 marbut ma’ dak li jipprovdi l-Kap. 504.

L-intervenut fil-kawza jidhol fil-kawza fl-istadju li tkun waslet il-kawza u ghalhekk ma jistax jiftah il-kawza mill-gdid b'eccezzjonijiet godda kemm dawk ta’ natura sostantiva jew ta’ natura procedurali li jistghu jitqajmu biss f’certi fazijiet tal-kawza. Ghalhekk il-ligi trid li l-intervenut jidhol fil-kawza fl-istat li tkun waslet fih il-kawza u fit-termini taghha.

Il-gudikant f’dan il-kaz irid jimxi fuq l-aggravji ta’ natura legali mressqa quddiemu skond il-ligi ta’ ppjanar u hu marbut bihom, altrimenti jkun qed jaghti lok ghal dritt ta’ appell lil terzi li skond il-ligi tal-ippjanar qatt ma kellhom dan id-dritt. Fi kliem iehor l-intervenut cioe t-terz interessat fic-cirkostanzi tal-ligi ta’ ippjanar jista’ javvalixxi ruhu mill-aggravji tal-appellant jew ir-risposti tal-appellat u jamplifika fuqhom b’sottomissjonijiet tieghu izda mhux bi skuza ta’ intervenut idahhal aggravji godda jew risposti godda qisu kien l-appellant jew l-appellat.

L-intervenut fic-cirkostanzi prezenti jrid jirkeb iz-ziemel ta’ parti jew ohra izda mhux hu jassumi rwol separat u distint b’argumenti li ma jirrizultawx minn dawk strettament ta’ natura legali li l-appellant intrabat bihom meta sar l-appell. Dan qed jinghad b’mod partikolari ghaliex ghalkemm it-terz interessat, darba registrat quddiem l-Awtorita kif jipprovdi l-Kap. 504 ghandu d-dritt li jinstema’ quddiem l-Awtorita u anki quddiem it-Tribunal tal-Appell, pero jista jkollu locus standi qua parti quddiem il-Qorti tal-Appell jekk kien l-appellant quddiem it-Tribunal.

Maghdud dan, l-intervenut kif intqal irid juri interess guridiku dirett fil-proceduri biex jigi ammess jintervjeni f’dan l-istadju quddiem il-Qorti tal-Appell, u mhux semplicement interess generali li ma jirriflettix interess dirett ghall-intervenut. Dan jaghmlu jekk juri li kien registrat qua persuna interessata quddiem l-Awtorita u t-Tribunal tal-Appell. Altrimenti dan l-interess li ma jkunx intwera quddiem dawn l-organi ma jkunx jista’ jsib sostenn bhala raguni biex jintervjeni quddiem din il-Qorti ghax tali interess kien ezistenti mill-bidu meta ntalab il-permess ta’ zvilupp. Darba mhux utilizzat id-dritt li jippartecipa fil-proceduri precedenti dawk quddiem din il-Qorti kif trid il-ligi specjali, terz ma jistax jissana n-nuqqas tieghu billi jallacja ruhu mal-artikolu 960 tal-Kap. 12. Dan mhux bizzejjed. B’daqshekk pero ebda dritt ma hu qed jintilef jew pregudizzju irrimeddjabbli qed jigi arrekat billi permess johrog, kif intqal, minghajr pregudizzju ghal third party rights. Kuntrarjament ghal dak sottomess mill-appellat Ruth Brincat, l-interess ta’ Dr. Hermann Farrugia billi kien registered objector quddiem l-Awotrita u t-Tribunal hu car. L-aggravji tal-appell huma intizi biex primarjament juru illi t-Tribunal applika hazin il-policies rilevanti b’detriment ghas-socjeta in generali u partikolarment ghar-residenti fil-vicin tal-izvilupp approvat kif del resto hu, Dr. Hermann Farrugia u kif wera quddiem l-Awtorita u t-Tribunal tal-Appell. Ma jistax jinghad l-istess pero ghar-rikorrenti Lawrence Zrinzo u Charles Borg li ex admissis b’verbal tad-difensur taghhom quddiem din il-Qorti fil-proceduri tal-appell 32/12 koncernanti l-istess zvilupp u applikazzjoni sottoezami gie dikjarat li Dr. Hermann Farrugia kien l-uniku reigstered objector. Il-Qorti ticcara li fl-atti jidher li Dr. Hermann Farrugia kien qed jitkellem ghal residenti ohra pero dawn ma gewx registrati bhala terzi interssati kif irid il-Kap. 504.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti tqis illi r-rikorrenti Dr. Hermann Farrugia ghandu jithalla jintervjeni f'dawn il-proceduri fl-istadju ta' trattazzjoni li fih wasal l-appell bi dritt li jaghmel ukoll is-sottomissjonijiet tieghu in linea stretta ma' dak promoss bhala aggravji fl-appell tal-appellant Awtorita, jew ir-risposta tal-appellat, izda mhux li jintroduci hu aggravji li l-ligi ma tippermettilux li jressaq billi mhuiex appellant skond il-ligi. Tichad it-talba fil-konfront tar-rikorrenti Lawrence Zrinzo u Charles Borg.

Spejjez riservati.

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------